## QORTI ĊIVILI
## PRIM'AWLA

### ONOR. IMĦALLEF
### ROBERT G. MANGION

### SEDUTA TAT-18 TA' ĠUNJU 2020

**Kawża Numru: 1K**

**Rik. Kost. 10/2015 RGM**

**Franco Buttigieg (K.I. 139463M) f'ismu proprju U bhala mandatarju ta' l-assenti Anna Maria sive Maronna, armla mill-Perit Victor Calleja (K.I. 0137933M); Alessandra mart divorzjata ta' Roderick Kirkpatrick (K.I. 156559M); Maria mart l-Avukat Dr. Michael Borg Costanzi (K.I. 561260M); Roberta mart legalment separata minn Meinrad Calleja (K.I. 79266M); u Rachelle Buttigieg (K.I. 0067868M) u dan skont hames prokuri hawn annessi u mmarkati F1 sa F5**

**vs.**

**Avukat Generali, llum Avukat tal-Istat;**

**Direttur Generali, Qrati Civili u Tribunali;**

**Registratur, Qrati Civili u Tribunali;**

**Onor. Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali**

**u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2016 gie kjamat in kawza Kristofru Schembri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Franco Buttigieg pro et noe** ppreżentat fit-30 ta' Jannar, 2015 li permezz tiegħu ippremetta u talab s-segwenti:

1. Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-ghalqa maghrufa bhala Tal-Hamri jew tal-Hamra fil-kontrada Tal-Ghaqba limiti tas-Siggiewi ta' kejl superficjali ta' circa 9 titmiem liema ghalqa hija imqabbla lill-Cristofru Schembri versu l-qbiela ta' Lm10 fis-sena.

2. Illi peress li kienu jissussitu ragunijiet validi ai termini tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-izgumbrament tal-gabilott mill-ghalqa in kwistjoni u ghat-terminazzjoni tal-imsemmija kirja l-ante kawza tal-esponenti kienu intavolaw kawza numru 22/1988/1 fl-ismijiet Rene Buttigieg pro et noe vs Cristofru Schembri quddiem il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba fejn huma talbu l-izgumbrament tal-gabilott mill-ghalqa in kwistjoni.

3. Illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-10 ta' Novembru 1998. Illi minkejja it-trapass ta' 16 –il sena u oltre 50 differiment minn meta l-kawza thalliet ghas-sentenza,din il-kawza ghada mhux deciza sal-illum u dan kif johrog car mill-verbali hawn annessi u mmarkati **Dok. A.**

4. Illi in oltre tul il-kors tal-proceduri intilef l-ewwel volum tal-process tal-kawza, b'konsegwenza illi l-Bord li qieghed jippresjedi l-kawza huwa sprovist mill-atti kollha bejn l-1988 u 1999 u dan kif konfermat mill-Bord stess fil-verbal tal- 11 ta' Ottubru 2013 hawn anness u markat **Dok. B**

5. Illi minkejja diversi tentattivi sabiex jigi rikostruwit il-process fejn l-esponenti Franco Buttigieg ghadda kull kopja ta dokumenti li huwa sab fl-arkivji tal-kompjant missieru Rene Buttigieg (u dan kif indikat fl-email datata 26ta' Novembru 2013 – **Dok.C**) u minkejja illi saret tfittxija ezawrenti mir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, il-Volum I tal-process in kwistjoni la gie rikostruwit u wisq anqas ma instab.

6. Illi b'konsegwenza ta' dan il-Bord fit-23 ta' April 2014 ddeferixxa l-kawza sine die u dan skond il-verbal hawn anness u mmarkat **Dok D.**

7. Illi sussegwentament l-esponenti intavolaw rikors fejn talbu lill-Bord sabiex tigi rikjamata l-kawza u l-Bord permezz ta' Digriet tad-9 ta' Mejju 2014 informa lir-rikorrenti li qabel tigi ri-appuntata l-kawza dan ghandu jipprezenta kopja tar-rikors promutur u tar-risposta, liema digriet bl-ebda mod ma interrompa t-terminu ta' dezerzjoni u dan skond **Dok.E.**

8. Illi sussegwentament fil-21 ta' Ottubru 2014 l-esponenti kien rega intavola nota ohra fejn spjega is-sitwazzjoni tieghu u fejn fiehem lill-Bord kif huwa gia ipprezenta kull dokument li huwa kellu fil-pusess tieghu u li huwa ma kellux kopja tar-rikors promutur u tar-risposta u li kien qieghed jghaddi l-informazzjoni kollha lill-Qorti li huwa kellu minn notamenti li kien ghamel missieru fuq il-kawza.

9. Illi fit-23 ta' Ottubru 2014 skorrew 6 xhur minn meta il-kawza giet differita sine die u ghalhekk il-kawza marret dezerta u dan ghaliex l-esponenti ma kellu l-ebda alternattiva fuq kif jista ikompli imexxi il-proceduri u dan ghal ragunijiet mhux imputabbli lilu.

10.Illi ghalhekk minkejja illi l-kawza hawn fuq citata giet intavolata ben 27 sena ilu, u minkejja illi ilha imhollija ghas-sentenza ghall-ben 17 –il sena, l-imsemmija kawza ma tistax titkompla stante illi intilef il-process minhabba traskuragni tal-intimati jew min minnhom, u effetivament ser ghadda t-terminu tad-dezerzjoni u dan biss minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuti u/jew min minnhom.

11.Illi ghalhekk gie lez id-dritt fundamentali tal-esponenti ghall-smiegh xieraq u dan kif protett bl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jistipula illi *In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an*

*independent and impartial tribunal established by law* kif ukoll kif protett bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta

12.Illi in oltre irid jinghad illi l-kawza odjerna ma kienitx wahda ta’ kumplessita u/jew ta’ natura straordinarja, gia la darba kienet talba ghall-zgumbrament intavolata quddiem Bord specjalizzat imwaqqaf bil-ligi ghal tali ghan, filwaqt li l-kondotta tal-partijiet ma kienitx wahda li intralcat il-process gudizzjarju specjalment meta wiehed jikkunsidra illi l-kawza thalleit ghas-senetnza il-fuq minn 50 darba, kif ukoll il-proceduri ma gewx trattati b’mod xieraq li jissalvagwardja l-interessi u d-drittijiet tal-partijiet fil-kawza u dan mhux biss fid-dawl taz-zmien li ghadda mill-ftuh tal-kawza, li bl-ebda mod ma jista jitqies wiehed ragonevoli, imma ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-kawza ma tistax tigi deciza minhabba li intilef l-ewwel volum tal-process.

13.Illi in oltre huwa id-dmir tal-Istat illi jkollu sistema gudizzjarja effikaci u organizzata b’mod illi tilhaq ir-rekwiziti tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta , u b’dan tali obbligu certament ma giex onorat meta kkumparat mal-fatti li taw lok ghall-vertenza odjerna, fejn mhux biss il-kawza ilha ben 27 sena sabiex tigi deciza, imma sahansittra intilef l-ewwel volum tal-process, u b’dan m’hemm l-ebda prospett ragonevoli illi tali kawza ser tigi deciza fil-vicin, anzi giet dezerta.

14.Illi ghalhekk gie lez id-dritt ghall-smiegh xieraq tar-rikorrenti gia la darba l-kawza hawn fuq citata ilha ben 27 sena sabiex tigi deciza, u effetivament ma hemm l-ebda prospett illi din tigi deciza minhabba l-fatt illi gie nieqes l-Ewwel volum tal-process, inkluz l-inkartament kollu bejn is-sena 1988 u 1999, liema lezjoni tad-drittijiet ikkagunat diversi danni lill-esponenti, kemm ta’ natura morali kif ukoll materjali u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza

Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jitlbu lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna taqta u tiddeciedi l-kawza billi

1. Tiddikjara illli t-tul taz-zmien li ittiehded fil-kawza Rene Buttigieg pro et noe vs Cristofru Schembri Rikors Nru 22/1988/1 li kienet qeghda tinstema mill-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba u li giet differita sine die u sussegwentament marret dezerta, m'huwiex zmien ragenevoli li fih ghandha tigi deciza kawza u ghalhekk jikkonstitwixxi vjolazzjoni tad-Dritt ghall-Smiegh xieraq kif salvagwardjat bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konsegwentament tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti minhabba tali lezjoni .

2. Tiddikjara illi t-telf tal-Volum I tal-process fil-kawza Rene Buttigieg pro et noe vs Cristofru Schembri Rikors Nru 22/1988/1, jikkonstitwixxi vjolazzjoni tad-Dritt ghall-Smiegh Xieraq kif protett bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta gia la darba jrendi impossibbli l-oghti tas-sentenza fl-imsemmija u konsegwentament tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti minhabba tali lezjoni .

3. Tiddikjara illi minhabba l-agir ta' l-intimati jew min minnhom u minhabba z-zmien irraġonevoli li r-rikorrenti gew imcahhda mill-proprjeta taghhom u l-godiment taghha pendenti l-proceduri Rene Buttigieg pro et noe vs. Cristofru Schembri Rikors Nru 22/1988/1, liema proċeduri marru sine die u sussegwentament deżerti, u minhabba li huma ma jistghux jottjeni sentenza ta' żgumbrament in segwitu ghat-telf tal-volum 1 tal-process, r-rikorrenti soffrew vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghhom ghall-godiment paċifiku tal-proprjeta kif protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Protocol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentament tiddikjara illi l-intimati huma responsabbli ghall-tali vjolazzjoni u ghall-hlas tal-kumpens dovut lir-rikorrenti minhabba tali vjolazzjoni;

4. Konsegwentament tillikwida kumpens dovut mir-rikorrenti [recte: lir-rikorrenti] liema kumpens jirraprezenta d-danni sofferti, kemm dawk id-danni ta' natura morali kif ukoll dawk ta' natura materjali, liema danni gew ikkagunati minhabba il-lezjoni tad-dritt ghall-smiegh xieraq kif protett bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta

5. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu dak il-kumpens hekk likwidat

6. Tipprovdi lir-rikorrenti b'rimedju xieraq u opportun ghal-lezjoni minnu sofferta liema rimedju ghandu jwasal ghall-oghti tas-sentenza fil-kawza Rene Buttigieg pro et noe vs Cristofru Schembri Rikors Nru 22/1988/1 jew kull rimedju iehor li din il-Qorti jidrilha xieraq.

7.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta tad-Direttur Ġenerali (Qorti) u d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali** ppreżentat fl-20 ta' Frar, 2015 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi *in linea* preliminari m'humiex il-legittimi kontradditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

2. Illi fil-meritu t-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti peress illi:

(i) Kwantu ghall-ewwel talba attrici rigwardanti t-tul taz-zmien li hadet il-kawza dan kjarament ma jahtux ghalih l-eccipjenti u zgur li tali fattur ma jwegbux ghalih l-eccipjenti. F'dan il-kaz ir-rikorrent mhux qed jattribwixxu l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali ghal xi nuqqas minn naha tal-amministrazzjoni tal-Qrati imma semmai l-lamentela hija fl-

operat tal-gudikant ghal liema operat zgur li ma jistghux iwiegbu jew jigu tenuti responsabbli l-esponenti. L-esponenti jghamlu referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:

'*Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa` taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur.*'

(ii) Illi fi kwalunkwe kaz, ukoll in konnessjoni mal-ewwel talba attrici, l-attur kellu rimedju ai termini tal-artikolu 195(5) tal-Kap 12 rigward l-allegat dewmien liema rimedju hu ghazel li ma jadoperax.

(iii) Illi wkoll in linea mal-ewwel talba attrici l-esponent jirrilevaw illi huma ma kellhom ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u/jew l-andament tal-kawza u ghalhekk zgur li l-ilmenti tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti.

(iv) Illi kwantu ghat-tieni talba attrici rigwardanti l-fatt li ntilef il-process, bil-qima jinghad illi lanqas hawn m'huma b'xi mod responsabbli l-eccipjenti peress illi kif ser jirrizulta kjarament waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-process intilef waqt li kien fil-pussess effettiv tal-Magistrat sedenti u mhux fil-pussess tal-eccipjenti li kwindi ma jistghux jigu tenuti responsabbli ghall-istess telfien tal-process.

3. Illi fi kwalunkwe kaz l-eccipjenti bil-mezzi kollha disponibbli ghalihom ghamlu dak kollu li setghu biex jigi rikostruwit il-process fosthom billi wettqu tfittxija intensiva u esebew l-atti kollha li gew mghoddija lilhom mill-partijiet jew min minnhom. Ghalhekk anke minn dan il-lat l-eccipjenti ma jistghu qatt jigu tenuti responsabbli.

4. ILLI fil-meritu ukoll m'hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif qed jallega ir-rikorrenti, ghall-inqas ghal dak li jirrigwarda l-eccipjenti.

5. ILLI finalment kwantu ghat-tielet, raba u hames talbiet attrici jigi ribadit illi fil-konfront tal-eccipjenti l-istess talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li ma humiex il-persuni idoneji fil-ligi biex iwiegbu u/jew iwettqu dak li qed jintalab fl-istess talbiet u/jew li jistghu jigu tenuti responsabbli ghall-istess u kwindi ghandhom jigu michuda.

6. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabli Qorti joghgobha tichad *in toto* t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-eccipjenti, bl-spejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat ukoll **ir-Risposta ulterjuri tad-Direttur Ġenerali (Qrati) u d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali in ottemperanza mad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti** tal-14 ta' Ġunju, 2017 ippreżentata fil-5 ta' Lulju, 2017 fejn jingħad kif ġej:

1. *In linea* preliminari m'humiex il-legittimi kontraditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, fil-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti li kien hemm xi ksur *da parte* tal-esponenti tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea huma ukoll infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jissottomettu li l-fatti anke kif allegati mir-rikorrenti ma jirraprezentawx l-apparenza ta' tehid forzuz ta' proprjeta jew ta' pussess ta' proprjeta kif prospettat fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; dan wisq izjed meta it-titolu legali ta' terzi fuq il-propjeta oggett tal-litigju (konsistenti f'titolu ta' qbiela) ghadu vigenti u r-rikorrenti m'ghandu l-ebda garanzija li dan it-titolu se jigi rexiss jew li kieku l-kawza inqatghet kien jigi rexiss. Ghalhekk it- albiet huma spekulattivi u neqsin min ness ta' kawzalita;

4. Illi fit-tieni lok, it-talbiet kif dedotti ma jregux tenut kont tal-fatt li jirrizulta li l-ghalqa in kwistjoni inghatat volontarjament bi qbiela lill-familja tal-intimat l-iehor Kristoforu Schembri, u ghalhekk ic-cirkostanzi odjerni bl-ebda mod ma jikkostitwixxu tehid forzuz tal-proprjeta' jew tehid obbligatorju, izda *se mai* kontroll ta' uzu ta' proprjeta fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea u di piu l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli;

5. Illi fit-tielet lok, fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti jridu igibu prova tal-fatti kif allegati, inkluz tal-proprjeta;

6. Illi fir-raba lok, fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, ghandu jinghad li sabiex jinghad li kien hemm tehid forzuz jew obbligatorju, jehtieg li persuna tigi zvestita minn kull dritt li ghandha fuq il-proprjeta, filwaqt li fil-kaz odjern jidher li l-familja tar-rikorrenti ikkoncedew ghalqa bi qbiela lill-familja tal-intimat Schembri b'mod volontarju u liberu, minghajr pero ma gew ippregudikati d-drittijiet tas-sidien in kwantu dawn huma proprjetarji tal-fond *de quo;*

7. Inoltre fil-hames lok, jirrizulta car mill-verbaliipprezentati mar-Rikors Promotur li ma kien hemm l-ebda lezjoni *da parte* tal-intimati ukoll, in kwantu l-Bord kompetenti stieden kemm il-darba lill-partijiet koncernati sabiex jassistu fir-rikostruzzjoni tal-process u dan ai temini tal-proviso tal-Artikolu 560(3) tal-Kap 12, pero l-istess partijiet baqghu inadempjenti, u

ghalhekk kwalunkwe allegazzjoni li l-esponenti kisru d-drittijiet tar-rikorrenti skont l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja hija bir-rispett kollu infondata u insostenibbli stante li kienu r-rikorrenti stess li naqqsu li jikkoperaw mal-Qorti fir-rikostruzzjoni tal-process;

8. Illi a skans ta' repetizzjoni l-esponenti jghamlu referenza ghar-risposta originali taghhom li ghandha titqies bhala parti intergrali minn din ir-risposta ulterjuri u tapplika mutatis mutandis.

9. Salv eccezzjonijiet ohra, jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat **ir-Risposta tal-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u tal-Avukat Ġenerali** ppreżentat fit-23 ta' Frar, 2015 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti li kien hemm xi ksur da parte tal-esponenti tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

2. Illi in linea preliminari, l-esponenti Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12;

3. Illi in linea preliminari ukoll, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur in kwantu ghall-lanjanza li l-process allegatament intilef stante li l-kustodja tar-Registri tal-Qrati ma jaqghux fil-mansjoni tieghu;

4. Illi huwa pacifiku li d-dritt ghal smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proceduri kollha kif ukoll illi l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huwa l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-awtorita' jew awtoritajiet relevanti;

5. Illi jirrizulta car mill-verbali ipprezentati mar-Rikors Promotur li ma kien hemm l-ebda lezjoni da parte tal-intimati in kwantu l-Bord kompetenti stieden kemm il-darba lill-partijiet koncernati sabiex jassistu fir-rikostruzzjoni tal-process u dan ai temini tal-proviso tal-Artikolu 560(3) tal-Kap 12 pero l-istess partijiet baqghu inadempjenti u ghalhekk kwalunkwe allegazzjoni li l-esponenti fic-cirkostanzi odjerni kisru d-drittijiet tar-rikorrenti skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija bir-rispett kollu infondata u insostenibbli;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* li kien hemm xi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti, dan il-fatt fl-umli fehma tal-esponenti mhuwiex imputabbli lill-esponenti u ghalhekk ma hemm lok ghall-ebda rimedju jew kumpens kif mitlub mir-rikorrenti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur stante li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39 u/jew tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea da parte tal-esponenti, kif allegat fir-Rikors Promotur; bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-**risposta ġuramentat ulterjuri tal-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u tal-Avukat Ġenerali in ottemperanza mad-digriet ta'**

**din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta' Ġunju, 2017** ippreżentata fl-4 ta' Lulju, 2017 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-talbiet kif aggunti mar-Rikors Promotur u senjatament il-pretensjoni fis-sens li l-fatti tal-kaz odjern jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u dan skont l-Artikolu 181B tal-Kap 12;

2. Illi in linea preliminari ukoll, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-talbiet kif aggunti mar-Rikors Promotur, in kwantu ghall-lanjanza li l-process allegatament intilef, u li dan jimporta ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea a skapitu tad-drittijiet tar-rikorrenti u dan stante li fi kwalunkwe kaz il-kustodja tar-Registri tal-Qrati ma taqax fil-mansjoni tieghu;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, fil-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti li kien hemm xi ksur *da parte* tal-esponenti tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea huma ukoll infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

4. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jissottomettu li l-fatti anke kif allegati mir-rikorrenti ma jirraprezentawx l-apparenza ta' tehid forzuz ta' proprjeta jew ta' pussess ta' proprjeta kif prospettat fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; dan wisq izjed meta it-titolu legali ta' terzi fuq il-propjeta oggett tal-litigju (konsistenti f'titolu ta' qbiela) ghadu vigenti u r-rikorrenti m'ghandu l-ebda garanzija li dan it-titolu se jigi rexiss jew li kieku l-kawza inqatghet

kien jigi rexiss. Ghalhekk it- talbiet huma spekulattivi u neqsin min ness ta' kawzalita;

5. Illi fit-tieni lok, it-talbiet kif dedotti ma jregux tenut kont tal-fatt li jirrizulta li l-ghalqa in kwistjoni inghatat volontarjament bi qbiela lill-familja tal-intimat l-iehor Kristoforu Schembri, u ghalhekk ic-cirkostanzi odjerni bl-ebda mod ma jikkostitwixxu tehid forzuz tal-proprjeta' jew tehid obbligatorju, izda *se mai* kontroll ta' uzu ta' proprjeta fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea u di piu l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli;

6. Illi fit-tielet lok, fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti jridu igibu prova tal-fatti kif allegati, inkluz tal-proprjeta;

7. Illi fir-raba lok, fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, ghandu jinghad li sabiex jinghad li kien hemm tehid forzuz jew obbligatorju, jehtieg li persuna tigi zvestita minn kull dritt li ghandha fuq il-proprjeta, filwaqt li fil-kaz odjern jidher li l-familja tar-rikorrenti ikkoncedew ghalqa bi qbiela lill-familja tal-intimat Schembri b'mod volontarju u liberu, minghajr pero ma gew ippregudikati d-drittijiet tas-sidien in kwantu dawn huma proprjetarji tal-fond *de quo;*

8. Inoltre fil-hames lok, jirrizulta car mill-verbali ipprezentati mar-Rikors Promotur li ma kien hemm l-ebda lezjoni *da parte* tal-intimati ukoll, in kwantu l-Bord kompetenti stieden kemm il-darba lill-partijiet koncernati sabiex jassistu fir-rikostruzzjoni tal-process u dan ai temini tal-proviso tal-Artikolu 560(3) tal-Kap 12, pero l-istess partijiet baqghu inadempjenti, u ghalhekk kwalunkwe allegazzjoni li l-esponenti kisru d-drittijiet tar-rikorrenti skont l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja hija bir-rispett kollu infondata u insostenibbli stante li kienu r-rikorrenti stess li naqqsu li jikkoperaw mal-Qorti fir-rikostruzzjoni tal-process;

9. Salv eccezzjonijiet ohra, jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-**risposta ġuramentata ta' Kristofru Schembri** ippreżentata fil-25 t'Ottubru, 2016 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi t-talba attrici ma setghet qatt tigi diretta kontra l-esponenti inkwantu, hu ma ghandu ebda poter jinfluwixxi fuq kemm iddum kawza li tkun tqeghdet ghas-sentenza, ossia r-Rikors 22/1988, jew li jista' qatt ikun responsabbli ghat-telfien tal-process relattiv, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi huwa la kien responsabbli ghad-dewmien tal-imsemmija kawza u anqas ghall-fatt li l-process relattiv intilef, u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt inkwantu diretti fil-konfront tieghu, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tar-rikorrenti.

3. Illi bla pregudizzju ghal dawn, fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi ukoll stante li r-raba' in kwistjoni kien imqabbel lil missieru Nicola schembri, u kienu jahdmuha mieghu ukoll hu (Kristofru) u hutu Nicolina, Carmela, Emanuel, Zaren u Giuzeppa. Maz-zmien Carmela zzewget (illum mietet), Emanuel mar l-Awstralja, Zaren mar l-Awstralja ukoll, u Giuzeppa saret soru: Sor Nocolezia. Imbaghad allura baqghu jahdmuha l-esponent (Kristofru) u Nicolina biss. Aktar tard (fl-1971) anke l-esponenti (Kristofru) mar l-Awstralja u baqghet tahdimha Nicolina Schembri biss, u ghadha taghmel hekk sallum ghall-ghixien taghha. Fi kwalunkwe kaz qabel mar l-Awstralja Kristofru kiteb ir-raba' kollha li kellu fuq ismu l-Ghemieri ghal fuq isem ohtu Nicolina Schembri.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża inkluż l-atti proċesswali fl-ismijiet **Rene Buttigieg pro et noe vs. Cristofru Schembri** (22/1988/1) mressqa quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba;

Rat illi b'digriet tal-14 ta' Ġunju 2017 il-Qorti laqgħat it-talba sabiex tiġi miżjuda t-talba numru tlieta fuq kwotata;

Rat illi f'Lulju 2018 il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fl-14 t'Awwissu 2019, in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fl-4 t'Ottubru 2019, in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kjamat in kawża ppreżentata fit-23 ta' Jannar 2020 kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur Ġenerali (Qrati) u d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunal bħala Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ppreżentata fis-27 ta' Jannar 2020.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Fatti Anteċedenti l-Kawża**

Fit-13 ta' Mejju 1988 ġiet intavolata azzjoni quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba ("il-Bord") sabiex jiġi żgumbrat il-gabilott mill-għalqa li tinstab ġewwa Siġġiewi magħrufa bħala Tal-Ħamri jew tal-Ħamra. Wara li ġew miġbura l-provi u saru s-sottomissjonijiet il-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-10 ta' Novembru 1998. Għaddew is-snin u s-sentenza baqgħet ma ġietx mogħtija.

Ir-rikorrent Franco Buttigieg ħa r-riedni f'idejh wara li missieru miet f'Settembru tal-2006 u waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2013 ir-rikorrent deher għall-ewwel darba quddiem il-Bord.

Ġara li fl-2013 il-proċess ta' din l-azzjoni ġie mgħoddi lill-Maġistrat Dr. Francesco Depasquale (illum Imħallef) u waqt is-seduta tal-11 t'Ottubru 2013 ġie vverbalizzat li

> "Il-Bord jinnota li l-Bord precedentement presedut minn Dr. Joseph Apap Bologna fis-7 ta' Lulju, 2000 ddifferixxa l-kawza ghas-sentenza, il-Bord odjern ha konjizzjoni tal-process fit-28 ta' Frar, 2013 u meta kien ser jipproċedi biex jikteb is-sentenza irriżulta li l-atti kollha mill-1988 sal-1999 huma nieqsa."[1]

Għal din ir-raġuni l-Bord kif issa kompost ma setgħax jgħaddi sabiex jagħti s-sentenza u kien għalhekk li s-sollecita r-Reġistratur tal-Qrati sabiex jirrikostruwixxi l-proċess. Wara li tfittix mir-Reġistratur irriżulta fin-negattiv, il-Bord stieden lill-partijiet f'dik il-kawża sabiex jagħmlu ħilithom u jippreżentaw l-atti li huma kellhom sabiex il-proċess jiġi rikostruwit. Għalkemm ir-rikorrent ippreżenta xi dokumenti, dawk ma kinux biż-żejjed sabiex il-Bord ikun jista' jagħti s-sentenza għaliex baqa' sprovvist mir-rikors promotur u r-risposta għall-istess u għalhekk fit-23 ta' April 2014 il-Bord iddiferixxa l-kawża Sine Die. Ir-rikorrent fit-8 ta' Mejju 2014 ippreżenta nota spjegattiva ta' kif ġraw l-affarijiet u għal din in-nota l-Bord fid-9 ta' Mejju 2014 ordna "lir-rikorrent sabiex l-ewwel u qabel kollox jippreżenta kopja tar-rikors promotur u tar-risposta" filwaqt li ġie rilevat ukoll li "it-terminu ta' deżerzjoni għandu jibqa' jiddekorri."[2] In segwietu għal dan id-digriet, mill-atti jidher li ma ġie ppreżentat l-ebda dokument ieħor, kien għalhekk li fit-22 t'Ottubru 2014 l-azzjoni ġiet deżerta.

Ir-rikorrenti ħassewhom aggravati mill-fatt li l-kawża ġiet deżerta u jilmentaw li d-dewmien sabiex ingħatat sentenza u l-fatt li ġie mitluf il-proċess bil-konsegwenza li kellha tiġi deżerta kawża illediet id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq sanċit taħt l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni. Jilmentaw ukoll li minħabba l-aġir tal-konvenuti jew

[1] Paġna 65 tal-proċess mehmuż.
[2] Paġna 115 tal-proċess mehmuż.

min minnhom u minħabba li ma jistgħux jottjenu sentenza huma ġew imċaħħda mill-proprjetà tagħhom kif protett taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**Eċċezzjonijiet Preliminari**

Qabel ma l-Qorti tiddelibera dwar il-mertu tal-kawża, jeħtieġ li l-ewwel jiġu trattati l-eċċezzjonijiet preliminari sollevata mid-Direttur Ġenerali tal-Qorti u d-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali kif ukoll it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tal-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Jeħtieġ jiġi trattat ukoll l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamat in kawza Schembri, fejn jeċċepixxi illi huwa m'huwiex responsabbli għat-telfien tal-proċess u għad-dewmien tal-kawża quddiem il-Bord.

**Eċċezzjonijiet Preliminari tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati, tad-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali u tal-Ministru tal-Ġustizzja li m'humiex il-Leġittimi Kontradittur i**

Id-Direttur Ġenerali, ir-Reġistratur u l-Ministru tal-Ġustizzja jeċċepixxu li f'azzjoni kostituzzjonali fejn qed jiġi allegat ksur tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli kif ukoll l-allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, huma ma humiex il-leġittimi kontradittur i. Dawn l-eċċezzjonijiet huma bbażati fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 181B (2): 'L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.' Mill-qari ta' dan l-artikolu jirriżulta ċar li l-għan tiegħu huwa li fi proċeduri ġudizzjarji l-Gvern ikun rappreżentat mill-Kap tad-Dipartiment involut, u fejn tali rappreżentazzjoni mhux possibbli minħabba n-natura tat-talba, allura huwa l-Avukat tal-Istat li għandu jidher għal u jgawdi rappreżentanza residwa ta' l-istess Gvern.

Il-Qorti tqis li meta qiegħed jiġi attakkat l-operat tal-Qorti ma għandek l-ebda persuna li huwa inkarigat bil-materja in kwistjoni mill-Gvern u dan għaliex id-Direttur Ġenerali m'għandux setgħa jindaħal fil-prosegwiment tal-proċeduri u kif dawn jitmexxew; huwa l-gudikant stess li jiddetermina kif imexxi s-seduti. Min-naħa l-oħra l-Ministru mhux mogħti s-setgħa li jintervjeni fil-każijiet partikolari; anzi għandu jżomm 'il bogħod b'osservanza tal-indipendenza tal-ġudikatura. F'dan il-każ għalhekk huwa l-Avukat tal-Istat li għandu jirrispondi għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti fil-kawza odjerna f'dak li jirrigwarda l-ilment relatat mad-differimenti inutili u ingustifikati ghas-sentenza.

Kif ġie dikjarat fis-sentenza **George Xuereb vs. Reġistratur tal-Qrati et** (Rik Kost 742/2000) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru 2004:

> "Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorreni huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs. Kunsill Lokali Fgura** (Rik Kost 1/2004) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 t'Ottubru 2005 ġie ritenut:

> "Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju - anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet min ghandhom skond il-ligi - u hu ma hux f'posizzioni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati."

Huwa għalhekk li l-eċċezzjoni preliminari tad-Direttur Ġenerali tal-Qorti fir-rigward tad-dewmien u fir-rigward tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll hija parzjalment fondata. Bl-istess mod jirriżulta illi l-Ministru intimat ma hux il-leġittimu kontradittur f'kawża ta' din ix-xorta stante li m'għandu l-ebda involviment ta' kif jitmexxew is-seduti. Ir-rikorrent l-anqas ma ressaq xi prova li l-Ministru intimat huwa responsabbli għat-telfien tal-proċess u fir-rigward tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u għalhekk tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni tar-risposta ulterjuri.

Ir-rikorrenti però gustament jinsistu li l-proċessi per se, inkluż għalhekk il-moviment tagħhom, jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tar-Reġistratur. Dan il-fatt jikkonfermah ir-Reġistratur Emanuel Scriha fix-xhieda tiegħu tat-23 ta' Novembru 2017 meta jgħid li "Meta jkunu fir-reġistru [b'referenza għal proċessi] huma r-responsabbiltà tar-Reġistratur." [3] Il-Qorti tkompli tistaqsi lix-xhud: "U meta jkunu għand l-Imħallef?" u għal din il-mistoqsija r-Reġistratur spjega li l-proċess ikun responsabbiltà tal-qorti.[4]

Il-**Kapitolu 12** jaħseb għall-eventwalità ta' meta att jew dokument jiġi mitluf; l-**Artikolu 63** fil-fatt jattribwixxi r-responsabbiltà lir-Reġistratur:

> "Ir-reġistratur huwa responsabbli għat-telf, mutilazzjoni jew tibdil f'att jew dokument ippreżentat fir-reġistru, kif ukoll għad-dewmien fit-tmexxija ta' dak l-att jew dokument ."

Din il-Qorti tqis li t-telfien ta' proċess jinkludi fih it-telfien tal-atti u tad-dokumenti u għalhekk mill-qari ta' dan l-artikolu jirriżulta li r-responsabbiltà m'hi ta' ħadd għajr tar-Reġistratur. Dan l-artikolu però ingħata interpretazzjoni wiesgħa mill-Qrati. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Spiteri vs. Av. Dr. Joseph Cassar Galea**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Mejju 1985 kienet irriteniet li huwa veru li skont il-Kodiċi tal-Proċedura

[3] Paġna 229 tal-proċess.
[4] *ibid.*

Ċivili r-Reġistratur tal-Qrati huwa responsabbli għat-telf, mutilazzjoni jew tibdil f'att jew dokument ippreżentat fir-Reġistru iżda li r-Reġistratur m'għandux jiġi nvolut fir-rikostruzzjoni ta' proċess li jidher li kien ilu mitluf sa mill-1983 u għalhekk, f'dak il-każ ġiet miċħuda t-talba għar-rikostruzzjoni.

Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla f'sentenza aktar riċenti fl-ismijiet **Michael Fenech nomine vs. Albert Mizzi nomine** (Ċit Nru 590/1987 LSO) deċiża fid-29 t'Ottubru 2015 irriteniet li:-

> "Ghalkemm, taqa` fir-responsabbilta` tar-Registratur f'kaz li process huwa mitluf, meta t-tfittxija ordnata mir-Registratur tibqa' tirrizulta fin-negattiv, bhal kaz in ezami, huwa hafna aktar difficli ghar-Registratur biex ikun involut fir-rikostruzzjoni tal-process, wara t-trapass twil ta' snin. Din il-Qorti taqbel ukoll ma' dak sottolineat fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta, fejn inghad li ai termini ta' l-**Artikolu 63 tal-Kap 12**, ir-Registratur huwa responsabbli ghat-telf ta' process/jew dokumenti. Izda, fejn dan jibqa' ma jinstabx jew kull tfittxija, tirrizulta fin-negattiv, kwalunkwe pregudizzju li jista' jinholoq konsegwenza ta' dan it-telfien m'ghandux ikun a karigu ta' wiehed mill-partijiet fil-kaz.
>
> "Fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur, hemm referenza ghall-**Artikolu 560 tal-Kap 12** li jipprovdi dwar il-poter tal-Qorti biex jikkostruwixxi l-process. L-Artikolu 560(3) ssemma wkoll fin-nota tar-Registratur tal-Qorti a fol 143. L-Artikolu 560(3) ighid hekk:
>
> "Meta f'xi kawza jew procedura ohra ma tkunx tista', minhabba hsara lil jew telf ta' dokumenti tal-Qorti jew dokumenti ohra, toqghod ghal dak li jitlob dan il-Kodici, sew jekk dwar il-htiega li jingiebu formalment xi dokumenti jew xort'ohra, il-Qorti tista' jew tehles minn dik il-htiega jew taghti dawk l-ordnijiet l-ohra li jinhtiegu fic-cirkostanzi".
>
> Issa, dak li sar referenza ghalih fin-nota tar-Registratur huwa s-subinciz li jkompli ma' l-Artikolu 560(3) li jipprovdi li:

> "…..il-partijiet fil-kawza ghandhom jghinu lir-Registratur biex jikkompila kopja ta' dokumenti tal-Qorti jew ta' kull dokument iehor li jkunu tgharrqu jew intilfu……".
>
> Ghalhekk, f'kazijiet bhal dawn, sta solament ghall-Qorti, li tiehu d-decizjoni dwar l-ordni tar-rikostruzzjoni o meno."

Fil-każ odjern il-Bord issolleċita lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jirrikostruwixxi l-proċess. Is-Sur Scriha fix-xhieda tiegħu spjega li "L-ewwel nett għamilna tfittxija fir-reġistru, għamilna tfittxija wkoll fl-uffiċċju tal-Maġistrat Apap Bologna u wara għamilna komunikazzjoni mas-Sinjura tal-Maġistrat però fittxet hi d-dar u fl-uffiċċju tiegħu u ma sabet xejn."[5] Jispjega wkoll li bejn l-2003 minn meta l-proċess ġie mmarkat li għadda għand il-Maġistrat Apap Bologna sal-2013 u ċioe sa meta reġa' sar il-moviment għal għand il-Maġistrat Depasquale ma kienx ġie vverbalizat li l-proċess huwa mitluf.

Mill-provi mressqa ma jirriżultax sodisfaċentement jekk il-volum numru 1 intilifx meta kien għand il-Maġistat qabel ġie nieqes jew inkella meta l-process kien il-Qorti. Din il-Qorti tqis li kull ġudikant huwa responsabbli għall-proċessi li huma fil-pussess personali tiegħu, u allura f'kawża kostituzzjonali msejsa fuq tali nuqqas huwa l-Avukat tal-Istat il-leġittimu kontradittur, Iżda tenut kont li ma ġiex stabbilit jekk fil-mument li l-proċess ma nstabx kienx fil-kustodja tal-ġudikant jew inkella fil-kustodja tar-Reġistratur tal-Qorti, din il-Qorti tirritjeni li fiċ-ċiskostanzi partikolari ta' dan il-każ sew l-Avukat tal-Istat kif ukoll ir-Reġistratur tal-Qorti huma l-leġittimi kontradituri.

Ikkunsidrat;

**L-Eċċezzjoni Preliminari tal-intimat Schembri li għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju**

---

[5] Paġna 226 tal-proċess.

Il-kjamat in kawża Schembri eċċepixxa illi għandu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress illi huwa kompletament estranju għal-lanjanza tar-rikorrenti f'din il-kawża. Min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjonijiet rigward din l-eċċezzjoni tal-kjamant in kawża.

L-ilment principali tar-rikorrenti huwa fuq l-allegat dewmien eċċessiv tal-Bord sabiex tiġi deċiża l-vertenza tagħhom li baqgħet mhux deċiża kif ukoll it-telf tal-proċess. Minn imkien ma jirriżulta allegazzjoni illi dan id-dewmien u/jew it-telfien tal-proċess kien kaġun tal-aġir tal-kjamat in kawża. Il-kjamat in kawża għandu raġun jeċċepixxi illi huwa estraneju għal dawn l-ilment ta' indoli kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti. Dan għaliex l-organizzazzjoni tas-sistema legali u ġudizzjarja huwa kompitu tal-Istat, u huwa l-Istat li għandu l-obbligu versu r-rikorrenti li jpoġġi fis-seħħ sistema ġudizzjarja li tiggarantixxi u tipproteġi id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

Għalhekk fil-każ ta’ proċeduri ġudizzjarji leżivi tad-drittijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali, huwa l-Istat u mhux iċ-ċittadin li għandu jirrispondi, ġaladarba huwa prinċipalment l-obbligu tal-Istat, u mhux taċ-ċittadin privat, li jassigura li d-drittijiet ta' parti f'kawża ma jinkisrux.[6]

Pero', l-fatt li fil-ħames talba tagħhom ir-rikorrenti qed jitolbu illi r-rimedju għandu jwassal għal għoti tas-sentenza fil-kawza Rene Buttigieg pro et noe vs Cristofru Schembri (nru 22/1988/1) jew rimedju ieħor, il-kjamat in kawża huwa leġittimu kontradittur in kwantu tali talba tista' tinċidi fuq id-drittijiet tiegħu. Għalhekk il-kjamat in kawża, tenut kont kif impostata l-ħames talba tar-rikorrenti, għandu jkun parti fil-kawża għaliex altrimenti l-assenza tiegħu tista' twassal għall-karenza ta' l-integrita' tal-ġudizzju. Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

---

[6] Ara **Sean Bradshaw et vs. L-Avukat Ġenerali et** (Rik Kost 73/2011/1) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta’ Frar 2015; **Louis Apap Bologna vs. Calcidon Ciantar et** (Rik Kost 57/2009), deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta’ Frar 2012; **Philip Grech et noe vs. Direttur Akkomodazzjoni Soċjali** (Rik Kost 60/2006) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta’ Diċembru 2010.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet fil-Mertu**

**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**

Deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari jeħtieġ li din il-Qorti tikkunsidra it-talbiet attriċi fejn qed jiġi allegat ksur tal-**Artikolu 6 Konvenzjonali u / jew tal-Artikolu 39 Kostituzzjonali** li rispettivament jipprovdi s-segwenti:

**Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni**

> "Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. [...]"

**Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni**

> "Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."

Illi l-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb ***Law of the European Convention on Human Rights*** (r-raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw li:

> *"The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings…against excessive procedural delays' [Stogmuller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78 (2014)] and 'underlines the importance of rendering justice*

*without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A )1989); 12 EHRR 74 para 58]".*[7]

Ikompli jingħad li

*"The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC]."*[8]

Dan it-tagħlim ġie adottat mill-Qrati Maltin fosthom fis-sentenza **David Marinelli vs. Avukat Generali** (3 ta' Lulju 2008), fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) irriteniet illi: "B'mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari: 1. in-natura u/jew komplessità tal-kaz in kwistjoni, 2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u 3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorità gudizzjarja stess".

Huwa imperattiv li jingħad f'dan l-istadju li t-test ta' dewmien raġonevoli ma jidentifikax żmien speċifiku li fihom il-proċeduri ċivili għandhom jiġu konklużi, wisq anqas m'hemm ċirkostanza waħda partikolari li tiddetermina

[7] Paġna 440 tal-ktieb.
[8] Paġni 440 - 441 tal-ktieb.

x'inhu raġonevoli. Iċ-ċirkostanzi kollha għandhom jittieħdu flimkien sabiex jiġi determinat jekk id-dewmien fil-proċeduri kinux raġonevoli o meno. Fil-kawża **Anton Camilleri vs. Avukat Ġenerali** (Rik. Kost. nru. 71/2010) il-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Frar 2016 ikkunsidrat illi

> "Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu."

Fil-każ odjern id-dewmien għandu jiġi eżaminat f'żewġ stadji; l-ewwel perijodu bejn is-sena 1998 meta r-rikors ġie differit għas-sentenza u baqa' jiġi hekk differit għas-sentenza sal-2013 mingħajr ebda raġuni; u mill-2013 meta l-kawża giet assenjata quddiem Maġistat ieħor li skopra li l-process ma kienx disponibbli sakemm il-kawża marret deżerta fit-22 ta' Ottubru 2014.

*Kumplessità*

L-ewwel fattur li għandu jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti huwa jekk il-proċeduri quddiem il-Bord kinux kumplessi. Każ jista' jkun kumplikat għal diversi raġunijiet fosthom volumi t'evidenza, in-numru ta' persuni involuti fil-proċeduri, konnessjoni ma' proċeduri ċivili oħra, il-ħtieġa li tinkiseb evidenza minn barra minn Malta kif ukoll il-kumplessità ta' punti legali. L-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb tagħhom surreferit qalu hekk dwar il-punt ta' kumplessità ta' proċedura:

> *"As to the first of the three factors listed above, a case may be complex for many reasons, such as the volume of evidence, the number of defendants or charges, the need to obtain expert evidence or evidence from abroad, or the complexity of the legal issues involved. Although the Court takes into account a case's complexity, there may come a point where it will*

> *simply regard the proceedings as too long to be reasonable [See **De Clerck v Belgium** hudoc (2007) para 57 (nearly 17 years and still pending; money laundering and fraud)].''*[9]

Ġaladarba l-proċess bl-atti meħtieġa huwa nieqes, din il-Qorti ma tistax tiddetermina hi jekk il-proċedura kinitx waħda kumplessa iżda ta' min jinnota li l-ebda parti fil-proċeduri odjerna ma ssottometta li l-proċeduri quddiem il-Bord kienu kumplessi. Għal kuntrarju r-rikorrenti jsostnu li l-proċeduri xejn ma kienu kumplessi u din ma ġietx kontradetta mill-kjamat in kawża.

*Atteġġjament tal-partijiet*

L-abilità tal-ġudikanti li jiddisponi mill-kawżi fi żmien raġonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsiċi u personali taghhom, iżda, tiddependi wkoll fuq l-involviment tal-partijiet fil-kawża. Dan ġie osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Zakkarija Calleja vs. Avukat Ġenerali** (Rik. Kost. Nru 83/13) deċiża fil-15 ta' Diċembru 2015:

> "Il-Qorti kompliet tishaq illi huwa minnu li hu dmir tal-Qorti li tara li l-kawzi ma jdumux aktar min-necessarju, izda huwa daqstant l-obbligu tal-partijiet, inkluzi tal-periti gudizzjari, li jaghtu l-informazzjoni preciza lill-Qorti dwar dak li kien qed isir fis-seduti peritali, u jekk kienx qed jigi registrat progress. Dan japplika b'aktar qawwa fil-kazijiet bhal dawk de quo fejn jirrizulta li l-imhallfin inbiddlu bosta drabi. F'dan il-kaz l-oneru tal-partijiet li dawn jinformaw lill-Qorti, allura preseduta minn Imhallef gdid, dwar l-andament tal-kawza jassumi aktar importanza."

Lura għall-kawża odjerna, jirriżulta li wara li fil-kawża quddiem il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' kienet saret it-trattazzjoni mill-avukati tal-partijiet fl-1 ta' Lulju 1998, ir-rikors ġie differit għas-sentenza għall-10 ta' Novembru 1998. Fil-5 ta' Lulju 1999, u ċioe wara tlett differimenti għas-sentenza, l-attur f'dik il-kawża Rene Buttigieg ippreżenta rikors jitlob is-

[9] Paġna 442 tal-ktieb.

sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u sabiex jiġi awtorizzat iħarrek lill-intimat f'dik il-kawża Cristofru Schmebri sabiex jitla' jixhed. Fit-13 t'Ottubru 1999 il-Bord ġie informat li aktarx ser tiġi tranżatta l-azzjoni u għalhekk ġiet differita għall-24 ta' Marzu 2000 għal probabbli ċessjoni. Fl-24 ta' Marzu 2000 ir-rikorrenti f'dik l-azzjoni, nonostante li ġew imsejħa tlett darbiet, baqgħu ma dehrux iżda dehret oħt l-intimat, Nikolina Schembri, li nformat lill-Bord li trattattivi ma seħħewx. Fis-7 ta' Lulju 2000 ir-rikorrenti reġgħu ma dehrux u dehret għal darb'oħra Nikolina Schembri u waqt din is-seduta l-Bord irrimarka li huwa "jixtieq jara r-rikors tal-5 ta' Lulju 1999"[10]. Il-Bord ħa erba' differiment sabiex jara r-rikors tal-5 ta' Lulju 1999 f'liema seduti r-rikorrenti baqgħu qatt ma dehru. Fit-22 ta' Marzu 2002 il-Bord iddegreta r-rikors tal-5 ta' Lulju 1999 u ta lir-rikorrenti opportunità waħda sabiex "jipproduċi bhala xhud lill-istess intimat u fin-nuqqas il-kaz jibqa' differit għas-sentenza għall-21 ta' Gunju 2002"[11]. Is-seduta tal-21 ta' Ġunju 2002 ġiet differita għat-3 ta' Lulju 2002 mingħajr ma hu verbalizzat ir-raġuni għal tali differiment. Fit-3 ta' Lulju 2002 il-kawza ġiet differita għat-22 ta' Novembru 2002 peress li l-membri tekniċi tal-Bord ma setgħux jattendu minhabba accessi quddiem Bord ieħor. Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2002 reġa ma deher ħadd u l-bord ivverbalizza li wara li ra l-verbal tat-22 ta' marzu 2002 ħalla r-rikors għas-sentenza. Ħmistax-il seduta wara, kull darba l-kawza tibqa' differita għas-sentenza peress li l-Bord jiddikjara li kellu bżonn aktar żmien għall-prolazzjoni tas-sentenza, tasal is-seduta tat-2 ta' Ottubru 2006 fejn deher l-Avukat tar-rikorrent u nformat illi stante l-mewt tar-rikorrent Rene Buttigieg kien meħtieg li ssir it-trasfuzzjoni tal-ġudizzju.

L-istess ġie ddikjarat fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2006 u fl-istess ġurnata ġie ppreżentat l-imsemmi rikors liema ġie degretat fil-15 ta' Diċembru 2006 fejn laqgħet it-talba għat-trasfużjoni. Kien biss fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2007 li ġie nnotat li l-proċedura tat-trasfużjoni fil-ġudizzju seħħ u għalhekk il-kawża ġiet differita għal darb'oħra għas-sentenza.

---

[10] Paġna 7 tal-proċess mehmuż.

[11] Paġna 12 tal-proċess mehmuż.

Għaddew 26 seduta oħra fejn kull darba l-Bord jiddikjara li kellu bżonn aktar żmien sabiex jagħti s-sentenza. Minn dak li jirriżulta mill-verbali, ħadd mill-partijiet ma deher f'dawk is-26 seduta fuq medda ta' ħames snin u nofs.

Fis-sena 2013 il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat Dr Francesco Depasquale li fis-seduta tat-28 ta' Frar 2013 ġie verbalizzat mill-Bord li ħa konjizzjoni tal-proċess u li kien jeħtieġ aktar żmien sabiex tiġi ppronunzjata s-sentenza. In segwitu għal dan kien hemm seduta fit-13 ta' Ġunju 2013 fejn deher il-legali tar-rikorrenti u oħra fl-4 ta' Lulju 2013 li fiha ma deher ħadd – ż-żewġ seduti ġew differiti għas-sentenza. Fil-11 t'Ottubru 2013 ġie verbalizzat mill-Bord li l-atti kollha mill-1988 sal-1999 huma nieqsa – f'din is-seduta ħadd mill-partijiet ma deher. F'dik is-seduta l-Bord ordna lir-Reġistratur sabiex jirrikostruwixxi l-process "bl-intiza cara illi jekk dan ma jsehhx sas-seduta li jmiss l-kawza tithalla Sine Die." Il-kawza tħalliet għall-25 ta' Novembru 2013. B'nota tal-21 ta' Novembru 2013 ir-Registratur informa lill-Bord illi l-eżitu tat-tfittixija kien wieħed negattiv u li l-atti nieqsa baqgħu ma nstabjux. Fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2013 deher Franco Buttigieg għar-rikorrenti. Il-Bord iddikjara illi minħabba li kien sprovvist mill-atti kollha bejn is-sena 1988 u s-sena 1999 huwa ma setgħax jagħti s-sentenza u għalhekk stieden lill-partijiet kollha sabiex jaghmlu l-almu tagħhom "sabiex il-process fil-perijodi fuq imsemmija jigi rikostruwit."

B'nota tas-17 ta' Frar 2014 ir-Reġistratur ippreżenta d-dokumentazzjoni li kien għaddilu Franco Buttigieg, it-tifel tad-decujus Rene Buttigieg. Fost dawn id-dokumenti pero' la kien hemm kopja tar-rikors promotur u lanqas ir-risposta.

Fis-seduta tat-23 ta' April 2014 il-Bord irrileva li mhux f'posizzjoni li jaghti sentenza "ghax il-process kollu huwa mitluf. Jinnota wkoll li ghalkemm il-Bord ta istruzzjonijiet sabiex il-process jigi rikostruwit, tali tentativi fallew. Fic-cirkostanzi l-Bord m'ghandu ebda soluzzjoni ohra hlief li jiddifferixxi l-kawza Sine Die."

Fit-8 ta' Mejju 2014 Franco Buttigieg f'ismu u f'isem ir-rikorrenti l-oħra ippreżenta nota li permezz tagħha taw informazzjoni dwar x'kien wassal lir-rikorrent originali l-Perit Rene Buttigieg jistitwixxi l-kawza quddiem il-Bord u filwaqt li inter alia iddikjara li huwa m'għandux kopja tar-rikors promotur huwa talab li l-Bord jaghmel inkjesta dwar in-nuqqas tal-process kif ukoll sabiex jirriappunta r-rikors għas-smiegħ. B'digriet tad-9 ta' Mejju 2014 il-Bord, wara li ra n-nota ordna lir-rikorrent sabiex l-ewwel u qabel kollox jipprezenta kopja tar-rikors promotur u tar-risposta filwaqt li irrileva illi t-terminu ta' deżerżjoni ghandu jibqa' jiddekorri. Kif rajna l-kawza quddiem il-Bord marret deżerta fit-22 ta' Ottubru 2014.

Ikkonsidrat;

***L-Operat tal-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' bħala Awtorita' Ġudizzjarja.***

In tema legali ssir referenza għall-kawża **John Bugeja vs. Avukat Ġenerali e**t (Rik Kost Nru 29/2002) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Awwissu 2003:-

> "17. Meta jinstab li kawza damet pendenti ghal zmien twil u damet irragonevolment biex inqaghtet, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa' l-htija ghad-dewmien fuq l-imhallef partikolari li jkun sema' l-istess kawza li damet. Ikun gudizzju x'aktarx immensament ingust li takkuza jew li tinsinwa li dak l-imhallef partikolari ikun tghazzen, tnikker jew generalment ma kienx diligenti f'xogholu. Dan ghaliex, fil-verita`, l-abilita` ta' dak l-imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu, izda, <u>fil-parti l-kbira</u> tiddependi fuq l-effikacja o meno ta' l-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu numru kbir ta' kawzi "qodma" (*backlog*) li "jitghabba" bih appena jilhaq imhallef, in-numru sinjifikanti ta' kawzi godda li jigu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi gudikant, il-kwalita` u l-kumplessita` ta' l-istess kawzi, jekk l-imhallef jinghatax persuni debitament kwalifikati biex

jassistuh, jekk jinghatax r-rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm ruhu aggornat fl-istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.

“18. Id-dritt fundamentali ta’ l-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t’amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra ta’ l-istat, cjoe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f’pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli.

“19. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni:

“*…. imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision Salesi vs Italy (26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administerting justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994)* – (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18).””

Ikkonsidrat;

Huwa minnu illi l-Maġistrat li kien qed jippresjedi l-Bord kien mghobbi jippresjedi wkoll kawżi penali u dan kif juru uħud mill-verbali fejn is-seduti ġew differiti għaliex il-Maġistrat kien impenjat b’xogħol in konnessjoni mal-għassa jew estradizzjoni jew għaliex in-nies tekniċi kienu involuti quddiem Bord ieħor. Iżda iż-żmien esageratament twil li fih il-kawża kull darba tiġi differita għas-sentenza mingħajr ma jsir il-pronunzjament tagħha huwa manifestament mhux ġustifikat. Il-Qorti qegħda tqis illi ż-żmien ta' dewmien

mhux raġonevoli beda jiddekorri minn dik is-seduta li fiha l-Bord iddifferixxa l-kawża għas-sentenza wara li r-rikorrent kien talab li jerġa jtella bħala xhud lill-intimat wara li l-kawża kienet diġa tinstab differita għas-sentenza u l-Bord ikkonċedilu differiment wieħed għal dak il-għan li skond l-atti ma jidhirx li r-rikorrent kien utilizza dik l-opportunita' lilu mogħtija.

Għalehkk il-Qorti qed tqis illi id-differimenti mit-22 ta' Novembru 2002 'il quddiem, inkluż il-ftit differimenti għat-trasfuzzjoni tal-ġudizzju, sal-jum li fih il-kawża marret deżerta fit-22 ta' Ottubru 2014 bħala żmien esageratament irragonevoli.

It-telfien tal-proċess huwa evidentement riżultat tas-snin twal li l-Bord baqa' jiprokrastina u ma ppronunzjax is-sentenza li kien fid-dover li jipronunzja.

Huwa minnu li f'dawk is-snin kollha il-partijiet inspjegabbilment ma kienux jidhru għas-seduti; pero' fil-fehma tal-Qorti l-assenza tal-partijiet f'seduti li kienu differiti għas-sentenza ma jnaqqsu xejn mir-responsabbilita' tal-Awtorita` gudizzjarja li taqdi d-dover tagħha u tagħti s-sentenza li hi stess tkun ipprefiġġit terminu għall-pronunzjament tagħha. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma ssib l-ebda attenwant għal dan in-nuqqas.

Il-fatt li r-rikorrenti jew l-awturi setgħu ikkontribuwixxew xi ftit ukoll għad-dewmien meta talbu li jressqu xhud wara li ġiet differita għas-sentenza, kif ukoll li naqsu milli jressqu l-ilment tagħhom quddiem il-Bord meta kien hemm differiment wara ieħor għas-sentenza, dawn il-fatturi ftit li xejn jistgħu itaffu r-responsabiltà ta’ l-istat.

Għalhekk din il-Qorti tqis, li t-trapass ta’ aktar minn ħmistax-il sena sabiex tingħata sentenza mhux wieħed ġustifikat u ferm irraġonevoli u għalhekk bi ksur tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Ikkunsidrat

Din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Fatiha Khallouf vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** (Rik Kost Nru 24/2001) deċiża fit-28 ta' Diċembru 2001 irriteniet li

> "certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti ghall-ezitu ta' kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wiehed partikolari ikunu/tkun bizzejjed biex qorti tasal ghall-konkluzzjoni li ma kienx hemm "smigh xieraq""

Il-Qorti qed tqis illi l-għibien tal-proċess huwa riżultat tal-istess fatt tad-dewmien esaġerat li fih il-Bord baqa' ma ppronunzjax is-sentenza.

Huwa minnu illi kieku l-partijiet kienu f'posizzjoni li jgħaddu kopja tal-atti kollha mitlufa lir-Reġistratur, allura, allavolja wara ħafna snin, il-Bord diversament presjedut kien ikun f'posizzjoni li jiddeċiedi  l-kawża.  Iżda dan ma seħħx.  Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tħossx li tista' tqis dan bħala xi nuqqas tal-partijiet tenut kont illi għaddew ħafna snin sakemm il-partijiet ġew informati li l-proċess kien mitluf, fi żmien meta l-attur f'dawk il-proċeduri kien ġie nieqes.

Ġaladarba dawn l-atti b'mod partikolari r-rikors promotur u r-risposta għalih ma jistgħux jinstabu u lanqas reġgħu ġew ippreżentati mill-partijiet, il-Bord kif fl-ahhar kompost ma setax jieħu konjizzjoni tagħhom sabiex jagħti s-sentenza tiegħu. Dan in-nuqqas iwassal għal-leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.

Għalhekk din il-Qorti qed tgħaddi sabiex tiddikjara li anke t-telfien tal-proċess tal-kawża jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti sanċit taħt l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Ikkunsidrat;

**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**

Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

> (1) Ebda proprjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b`mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b`mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta` liġi applikabbli għal dak it-teħid ta` pussess jew akkwist –
>
> (a) għall-ħlas ta` kumpens xieraq;
>
> (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta` aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta` kull kumpens li għalih tista` tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta` dak il-kumpens; u
>
> (c) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f`dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta` appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f`Malta:
>
> Iżda f`każijiet speċjali l-Parlament jista`, jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b`liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b`mod obbligatorju; u f`kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.
>
> (2) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta` pussess jew akkwist ta` proprjetà –
>
> (a) bi ħlas ta` xi taxxa, rata jew drittijiet;
>
> (b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta`, ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta` ħtija ta` reat kriminali;
>
> (c) wara l-attentat ta` tneħħija tal-proprjetà barra minn jew ġewwa Malta bi ksur ta` xi liġi;

(d) bħala teħid ta` kampjun għall-finijiet ta` xi liġi;

(e) meta l-proprjetà tikkonsisti f`annimal meta jiġi misjub f`art ħaddieħor jew mitluf;

(f) bħala inċidentali għal kirja, liċenza, privileġġ jew ipoteka, *mortgage*, dritt, *bill of sale*, pleġġ jew kuntratt ieħor;

(g) bħala l-għoti jew l-amministrazzjoni ta` proprjetà għan-nom u għab-benefiċċju tal-persuna ntitolata għall-interess benefiċjarju fiha, proprjetà fi trust, proprjetà tal-għadu jew il-proprjetà ta` persuni dikjarati falluti b`sentenza jew xort`oħra dikjarati falluti jew insolventi, persuni ta` moħħ marid, persuni mejta, jew għaqdiet korporati jew mhux korporati fil-kors ta` stralċ jew likwidazzjoni;

(h) fl-esekuzzjoni ta` sentenzi jew ordnijiet ta` qrati;

(i) minħabba li tkun fi stat perikoluż jew ta` ħsara għas-saħħa tan-nies, annimali jew pjanti;

(j) bħala konsegwenza ta` xi liġi dwar il-preskrizzjoni ta` azzjonijiet, preskrizzjoni akkwiżittiva, art abbandunata, teżor misjub, manumorta jew id-drittijiet ta` suċċessjoni kompetenti lill-Gvern ta` Malta; jew

(k) għal dak iż-żmien biss sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet ta` xi eżami, investigazzjoni, kawża jew inkjesta jew, fil-każ ta` art, l-egħmil fuqha –

(i) ta` xogħol ta` konservazzjoni ta` ħamrija jew il-konservazzjoni ta` risorsi naturali oħra ta` kull xorta jew ta` rikostruzzjoni ta` ħsara tal-gwerra; jew

(ii) ta` żvilupp jew titjib agrikolu li s-sid jew okkupant tal-art ikun ġie mitlub, u jkun mingħajr skuża raġonevoli u legali rrofta jew naqas li jagħmel.

(3) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi safejn tipprovdi għall-għoti lill-Gvern tal-proprjetà ta` xi minerali, ilma jew antikitajiet ta` taħt l-art.

(4) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi għat-teħid ta` pussess obbligatorju fl-interess pubbliku ta` xi proprjetà, jew l-akkwist obbligatorju fl-interess pubbliku u ta` xi interess fi jew dritt fuq proprjetà, meta dik il-proprjetà, interess jew dritt huwa

miżmum minn għaqda korporata li hija mwaqqfa għal skopijiet pubbliċi minn xi liġi u li fiha ebda flejjes ma ġew investiti barra minn flejjes provduti minn xi leġislatura f`Malta.

L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jrid li l-ebda proprjetà ta' kull xorta ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u lanqas jista' jiġi miksub b'mod obbligatorju xi interess fi jew dritt fuq proprjetà. Teħid obbligatorju ta' proprjetà jew ta' interessi fiha jista' jsir biss fejn hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli li tagħti kumpens xieraq għal tali teħid, li tagħti jedd ta' aċċess lil tribunal indipendenti u imparzjali li jiddetermina l-jedd fuq il-proprjetà hekk meħuda u l-kumpens xieraq, u li tiżgura jedd ta' appell lill-Qorti tal-Appell. L-Artikolu 37 ma japplikax f'għadd ta' ċirkostanzi oħra msemmija fis-subartikolu (2) tiegħu.

**L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni** imbagħad jipprovdi li

"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha.

Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma għandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjeta` skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabbilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal- ġid skond l-interess ġenerali, jew

(b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat.[12]

Il-Qorti tqis li minn dak li intqal mir-rikorrenti fir-rikors promotur l-għan tal-azzjoni li ġiet intavolata quddiem il-Bord kien sabiex jiġi żgumbrat il-gabilott mir-raba proprjetà tar-rikorrenti u dan ai termini tal-Kapitolu 199. Din il-Qorti fehmet ukoll li l-kjamat in kawża Cristofru Schembri kien jaħdem ir-raba mertu tal-azzjoni quddiem il-Bord bi qbil mas-sidien tal-istess raba. L-istat u r-Reġistratur tal-Qorti huma estranji għal dan il-ftehim, u għal dak li ġara sussegwentement bejn ir-rikorrenti u l-kjamat in kawża.

Inoltre, l-ispeditezza tal-proċeduri ġudizzjarji inizjati mir-rikorrenti ma setgħux jiggarantixxu, bla ebda dubbju, it-tgawdija tar-rikorrenti tar-raba kontestata, peress li din it-tgawdija o meno neċċessarjament tiddependi fuq il-mod kif il-Bord jiddisponi mill-mertu, independentement minn kemm idumu il-proċeduri. Inoltre, ma kien hemm xejn x'iwaqqaf lir-rikorrenti milli jintavolaw ukoll proċeduri *ex novo*. L-**Artiklu 963(6) tal-Kapitolu 12** jiddisponi li *"*Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-Qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni"

Din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Anthony Mintoff vs. Avukat Ġenerali et** (Rik Kost 2/2003) tas-7 ta' Lulju 2004 irriteniet li

> "Ghall-kompletezza jinghad li il-fatt li proceduri precedenti, wkoll ta' natura Kostituzzjonali, gew kancellati min din il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 2001, u ma saretx talba ghar-reappuntament taghhom fit-termini tal-artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jfissirx li l-istess rikorrenti ma jistghux iressqu proceduri ex novo. L-effett ta' kawza

[12] Ara **Mario Falzon vs. Direttur Generali Dwana et** (Ref Kost 37/2013) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' Ottubru 2014.

kancellata mhux reappuntata huwa l-istess bhal meta kawza titqies dezerta skont l-artikolu 965 tal-Kap 12, u, a tenur ta' l-artikolu 963(6) ta' l-istess Kap 12, "Bid-dizerzjoni ta' kawza fil-Qorti ta' l-ewwel grad il-procediment jispicca, izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni". Huwa biss il-gudikant li zzomm it-trattazzjoni ta' kawza determinata f'gudizzju separat, izda d-dezerzzjoni, salv ir-responsabilita' ghall-ispejjez, ma zzommx lill-istess parti li fethet l-ewwel kawza li tiftah proceduri godda fuq l-istess meritu."

Isegwi għalhekk illi ma kien hemm xejn u ma hemm xejn li jżomm lir-rikorrenti milli jipproponu kawża ġdida quddiem il-Bord u għalhekk xejn mhu minnu li huma ġew imċaħħda mill-proprjetà tagħhom meta l-kawża quddiem il-Bord intavolata fl-1988 ġiet dikjarata deżerta.

Għalhekk il-Qorti tqis illi d-dritt fundamentali għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tar-rikorrenti ma ġiex leż bil-fatt li l-kawża marret deżerta u ma gietx deċiża.

Ikkunsidrat;

**Kumpens**

Fir-rigward tal-kumpens għal-leżjoni tad-dritt fundamentali l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anton Camilleri vs. Avukat Ġenerali** (Rik. Kost. Nru 71/2010JRM) deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 t'April 2015 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Frar 2016:

Illi dwar il-kwestjoni tal-kumpens li jitħallas f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni [u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni], jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultativ [K. Reid *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (3rd Edit, 2007) §

III-001, paġ. 603 – 4], għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' sservi sakemm rimedju bħal dak jista' jitqies bħala wieħed effettiv u effikaċi li jiżgura lill-parti mġarrba r-*restitutio in integrum* tal-jeddijiet tagħha [Kost. **11.8.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Buġeja vs L-Avukat Ġenerali et]***. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali. Ingħad mill-Qrati tagħna li "*kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża*" [Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Enterprises Limited vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***].

Din il-Qorti tqis li fil-każ odjern ma tistax tordna l-għoti tas-sentenza mill-Bord stante li l-atti kollha (salv għal verbali mill-1999) ġew mitlufa u bl-ebda mod m'huwa possibbli li tiġi ppronunzjata sentenza f'dawk il-proċeduri llum deżerti.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi r-rikorrenti fil-kawża odjerna jistgħu jitolbu kumpens għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom u mhux tal-predeċessur tagħhom id-defunt Perit Buttigieg. Għalhekk il-Qorti qed tqis li d-dritt fundamentali tal-partijiet għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli beda jiġi miksur mill-jum li fih saret it-trasfuzzjoni tal-ġudizzju fisihom u ċioe' mill-15 ta' Diċembru 2006.

Din il-Qorti tqis illi apparti d-dikjarazzjoni ġudizzjarja dwar leżjoni ta' dritt fundamentali, għandha wkoll tagħti kumpens fil-forma ta' danni morali. Tillikwida d-danni morali sofferti mir-rikorrenti, meħud ukoll in konsiderazzjoni illi hawn non si tratta biss ta' dewmien sabiex ingħatat is-

sentenza iżda huwa każ partikolarment eċċezzjonali peress illi addirittura s-sentenza ma setgħatx tingħata f'dawk il-proċeduri; fl-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000). Tqis ir-responsabbilita' tal-intimat Reġistratur hija ta' kwint (1/5) filwaqt li dik tal-intimat Avukat tal-Istat hija ta' erba' kwinti (4/5). Għaldaqsant qed tiddeċiedi illi l-ammont ta' danni morali hawn likwidat huwa pagabbli inkwantu għal tmint elef ewro (€8,000) mill-intimat Avukat tal-Istat u in kwantu għal-elfejn ewro (€2,000) mill-intimat Reġistratur tal-Qrati.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati konformement ma' dak hawn fuq deċiż;

1. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-kjamat in kawża;

2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni fir-risposta u l-ewwel eccezzjoni tal-Ministru intimat, u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba; tiddikjara illi t-tul ta' żmien li l-kawża nru 22/1988/1 fl-ismijiet "Rene Buttigieg pro et noe vs Cristofru Schembri" damet pendenti għas-sentenza quddiem il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba mingħajr ma ingħatat sentenza kif fuq spjegat; kif ukoll it-telfien tal-proċess tal-istess kawża jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smiegħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni u bl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u tiddikjara lill-intimat Reġistratur u lill-intimat Avukat tal-Istat responsabbli għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti bil-mod segwenti;

4. Tiddikjara illi r-responsabbilta' għal-leżjoni tad-dritt fundamentali kif fuq deciz hija in kwantu għal kwint (1/5) fuq l-intimat Reġistratur referebbli għal-leżjoni tad-dritt fundamentali b'konsegwenza għat-telfien tal-proċess u in kwantu ghal erba' kwinti (4/5) fuq l-intimat Avukat tal-Istat referibbli għall-kumplament ta' dak kollu li wassal għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti;

5. Tiċħad it-tielet talba u tiddikjara li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

6. Tilqa' r-raba talba u tillikwida d-danni morali pagabbli lir-rikorrenti fis-somma ta' għaxart elef euro (€10,000);

7. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat u lill-intimat Reġistratur tal-Qrati sabiex iħallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu preċedenti, in kwantu għas-somma ta' tmint elef ewro (€8,000) pagabbli mill-intimat Avukat tal-Istat u in kwantu għal elfejn ewro (€2,000) pagabbli mill-intimat Reġistratur tal-Qrati.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati Avukat tal-Istat u Reġistratur tal-Qrati f'erba' kwinti u fi kwint rispettivament; salv l-ispejjeż relatati mat-tielet talba tar-rikorrenti li huma a karigu tal-istess rikorrenti u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 223 (3) tal-Kapitolu 12.

**Moqrija**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**